# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 47/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Publius Said**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Publius Said (**1**) talli "ghan-nom u in rappresentanza ta' Publius (Leo) Said & Sons Limited u bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-28 ta' April, 2000, ghall-habta tas-8.00pm, fit-Trade Fair Grounds, Naxxar, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998; (**2**) u aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' L-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51, 77(a)(e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Frar, 2002, li permezz taghha dik il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni peress li kkunsidratha bhala alternattiva ghat-tieni wahda, u sabet lill-imsemmi Publius Said hati skond it-tieni imputazzjoni u kkundanntu multa ta' mitejn u hamsa w ghoxrin lira (Lm225);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Publius Said, minnu ppresentat fl-1 ta’ Marzu, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka jew, alternattivament, ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji. L-ewwel tlett aggravji huma fis-sens li s-sentenza tal-ewwel qorti hija nulla, u dan ghax, skond l-appellant, l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha (1) “ma qalitx il-fatti li taghhom l-imputat…gie misjub hati”, (2) “ghaliex ma ddikjaratx lill-imputat hati” u (3) ghax “ma qalitx x’irrisulta mid-diversi ipotesijiet prospettati fit-tieni akkuza”. Dawna l-aggravji huma nfondati u jirrazentaw il-fieragh. Hu evidenti li bil-lokuzzjoni adoperata mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha, dik il-qorti kienet qed issib lill-appellant, allura imputat, hati skond it-tieni imputazzjoni (li giet riprodotta fis-sentenza), cioe` kienet qed issib li gew pruvati l-fatti allegati f’dik it-tieni imputazzjoni u li dawk il-fatti kienu jammontaw ghal reat. Fis-sentenza hemm ukoll kwotati l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat. Fi kliem iehor, is-sentenza, mill-lat formali, tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi testwalment hekk: “Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat”. Kwantu ghat-tielet aggravju in partikolari, il-ligi ma tirrikjedix li meta imputazzjoni jkun fiha diversi ipotesijiet, il-qorti ghandha ghalfejn tindika liema wahda jew aktar minn dawk l-ipotesijiet ikunu jirrisultaw, <u>kemm-il darba d-diversi ipotesijiet ikunu jammontaw ghall-istess reat u jkollhom l-istess piena</u>. Hekk, per ezempju, fil-kaz tar-reat ta’ ricettazzjoni, is-sentenza m’ghandhiex ghalfejn tispecifika jekk l-oggett ricettat kienx gie ghand il-hati ghax dan kien laqa’ ghandu dak l-oggett <u>jew</u> ghax kien xtrah, pero` ghandha ssemmi jekk l-oggett ikunx gej minn serq, minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akwistati jew mizmuma kontra l-ligi, jew minn frodi u dan peress li l-piena tvarja skond il-*predicate offence*. Fil-kaz in dizamina, id-diversi ipotesijiet kontemplati fit-tieni imputazzjoni – li, kif inghad, giet riprodotta fis-sentenza – jammontaw ghall-istess reat u ghandhom l-istess piena. Ghalhekk dawn it-tlett aggravji qed jigu respinti.

Ir-raba’ aggravju tal-appellant hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx issibu hati skond it-tieni imputazzjoni peress li f’din it-tieni imputazzjoni huwa gie mharrek personalment, mentri l-persuna registrata f’dan il-kaz hija persuna morali, ossia d-ditta Publius (Leo) Said & Sons Ltd. Dana l-aggravju wkoll huwa infondat. Apparti li hu evidenti mill-mod kif inhi redatta c-citazzjoni fl-intier taghha li anke ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni l-appellant kien qed jigi mharrek fil-kwalita` tieghu ta’ direttur, *manager*, jew ufficjal principali iehor tad-ditta, ir-responsabbilta` vikarja li tohrog mis-subartikolu (1) tal-Artikolu 82 tal-Att XXIII ta’ l-1998 ma hemmx ghalfejn li tigi espressament imsemmija fl-imputazzjoni: huwa bizzejjed jekk <u>bhala fatt jirrisulta</u> li n-nuqqas (i) ikun sar mill-persuna morali u (ii) li l-imputat ikun wiehed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 82. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

Fl-meritu l-appellant jikkontendi li t-tieni imputazzjoni ma tirrisultax pruvata u li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma setax jipprocedi kontra tieghu galadarba l-kwistjoni kollha kienet giet rizolta bil-hlas ta' penali amministrattiva. Issa, mill-provi jirrisulta abbundantement car li d-ditta li taghha l-appellant kien direttur kienet qed topera speci ta' ferrovia li fuqa jirkbu t-tfal versu hlas ta' hamsa w ghoxrin centenzmu ghal kull *train ride* minn persuna wahda; u li ta' dan is-servizz u tal-hlas li kienet qed tircevi, hija ma kienitx qed tipprovdi ricevuta skond il-ligi. Jirrisulta wkoll li, ghalkemm kien hemm penali amministrattiva li kienet thallset, din il-penali kienet tirreferi ghall-ksur tal-ligi f'data ohra, u precisament fid-29 ta' April, 2000, u mhux ghall-ksur tal-ligi li sehh fit-28 ta' April, 2000.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Deputat Registratur